**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA, 17 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 832/01 AJD*

Tabone Enterprises (Malta) Ltd.

vs

Raymond Mifsud

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Awissu, 2001, fejn gie premess li l-konvenut xtara merkanzija minghand is-socjeta' attrici u beda jaghmel pagamenti akkont, pero' illum ghad fadal bilanc ta' sitta u sebghin liri Maltin u disgha u erbghin centezmi (Lm76.49). Nonostante nterpellat diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju, 2001, notifikata lilu fis-6 ta' Gunju, 2001, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr raguni valida. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-28 ta' Dicembru, 2000 (Lm5.00), tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju, 2001 (Lm13.50), u bl-imghax legali b'effett mis-6 ta' Gunju, 2001, sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2001, fejn cediet is-sorte, stante pagament tas-sorte fil-mori tal-kawza, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes ta' din l-istanza.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR